**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 16 t' Ottubru, 2015**

**Il-Pulizija**
**Spettur Hubert Cini**

**vs**

**John Pace**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' John Pace detentur tal-karta ta' identita bin-numru 0593463M akkuzat talli:

1) F' Malta bejn il- 21 ta' Awwissu 2014 u 25 ta' Settembru 2014 f' diversi hinijiet tajt fastidju lil mara tieghek Maria Dolores Pace u dan bi ksur tal-Artikli 251 A tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

2) talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, talli ikkaguna lil Maria Dolores Pace biza li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti u dan bi ksur tal-Artikli 251 B tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

3) talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, ikkaguna lil Maria Dolores Pace allarm jew dwejjaq li kellu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum ta' l-istess Maria Dolores Pace dan bi ksur tal-Artikli 251 BA tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

4) talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, ingurja u hedded lil Maria Dolores Pace mhux mod iehor imsemmi fil-Kodici Kriminali Kap 9 u dan bi ksur tal-Artikli 339 (e) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

5) talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel reat u ghamel uzu iehor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artiklu 49 (a) u (c) tal- Kap 399 tal- Ligijiet ta' Malta

6) talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, uza xi network jew apparat ta' komunikazzjoniet elettronici fornut minn intrapriza ghal ghan li ma jkunx dak li gie fornut ghalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b' mod mhux

kif imiss bi ksur tal-artikli 48 (d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta

7) talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, m' obdiex ordnijiet legittimi tal-awtorita' (Pulizija ta' Malta) jew ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliex jew fixkel waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b' xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak b' ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi jew b' xi mod iehor li jkun , kemm-il darba din id-disubbidjenza jew indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra tal- Kodici Kriminali Kap 9 u dan bi ksur tal-Artikli 338 (ee) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f' kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-artikoli 49,50 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lil John Pace u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Rat in-Nota tal-Avukat Generali datata 30 t' April, 2015 (esebita a fol. 307 tal-process fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-kofronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

a) Fl-artikoli 17, 18, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 251A(1),(2),(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 251(B)(1),(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 251BA(1)(a)(b),(2),(3),(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) Fl-artikoli 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) Fl-artikoli 49(a),(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;
g) Fl-artikoli 48(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;
h) Fl-artikoli 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
i) Fl-artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
j) Fl-artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tas-7 ta' Mejju, 2015 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw diversi rapporti li saru bejn il-21 t' Awwissu, 2014 u l-25 ta' Settembru, 2014 fejn il-kwerelanti Maria Dolores Pace kienet qed tallega li qed tircievi hafna telefonati minghand zewgha John Pace, l-imputat odjern, fejn huwa kien qed jeddidha li ser imur id-dar taghha, li ser ikisser il-bieb u jidhol u li huwa kien qed imur wara l-bieb tad-dar f' hinijiet differenti u joqghod ihabbat il-bieb. F' incident minnhom li dwaru sar rapport kien hemm anki prezenti l-Pulizija stante li dakinhar u cioe fil-21 t' Awwissu, 2014 kien ghadu kemm inqatel it-tifel tal-imputat u l-kwerelanti propju waqt li kien fil-gallarija tad-dar ta' ommu. Ir-rapporti jirrigwardaw ukoll telefonati li l-imputat kien jaghmel fuq it-telephone ta' bintu Raisa Pace li kienet tghix ma' ommha fejn l-

imputat meta ma kienx jaqbad fuq it-telephone tal-mara jew din ma kinitx tirrispondi huwa kien icempel fuq it-telephone tat-tifla. Il-Pulizija wissew lill-imputat diversi drabi sabiex bl-ebda mod ma javvicina lil martu izda nonostante cio' martu kompliet tallega li qed tircievi t-telefonati ta' theddid. L-imputat isostni li dawn il-varji rapporti u ohrajn li saru minn martu fejn hemm kawzi ohra pendenti quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell kienu qed isiru minn martu sabiex timpedih milli jirritorna fid-dar tieghu li kienet qed tghix fiha hi wara l-mewt ta' binhom.

Fis-seduta tas-17 t'Ottubru 2014 xehed l-ispettur Hubert Cini fejn qal li wara mewt fil-familja l-mara tal-imputat bdiet taghmel diversi rapporti kontra zewgha John Pace. Ir-rapporti kienu jkunu dwar telefonati li huwa kien jaghmel fejn kien jghidilha li se jigi d-dar taghha u jkisser il-bieb u jidhol. John Pace kien ukoll icempel lil bintu sabiex joqghod jhedded lil martu u jmur wara l-bieb u jhabbat f'diversi hinijiet. Ix-xhud spjega li ghalkemm kienu kelmu lil John Pace sabiex ma jkompliex idejjaq lil martu huwa xorta baqa' jaghmel dawn l-affarijiet. Gara li bejn il-lejl tal-24 u l-25 ta' Settembru, il-mara tieghu ghamlet rapport li f'dak il-lejl huwa kien ghamel diversi telefonati fejn beda' jhedded u jdejjaq lil martu. Gew esebiti diversi rapport li ghamlet il-mara tal-imputat (dok HC 1 sa HC 6) kif ukoll stqarrija tal-imputat (dok HC 7). Giet esebita stqarrija ohra mehuda mill-ispettur Spridione Zammit (HC 8) kif ukoll dikjarazzjoni li ghamlet l-istess Maria Dolores Pace (HC 9). L-Ispettur Cini zied jghid in kontro-ezami li qatt ma giet rappurtata aggressjoni jew vjolenza fizika li giet uzata fuq il-mara tal-imputat min-naha tieghu.

Fis-seduta tas- 7 ta' Jannar 2015 xehed PS 31 Mario Farrugia fejn huwa kkonferma zewg rapporti li kienet ghamlet il-mara tal-imputat u cioe'

Maria Dolores Pace. Skont ir-rapporti li kienet ghamlet qalet li hija kienet rat lir-ragel taghha hdejn id-dar fid-9.15pm u kienet imbezza' minnu. Meta marru l-Pulizija fuq il-post ma kienux sabu lill-imputat izda Maria Dolores Pace qaltilhom li huwa beda jhabbat mal-bieb tad-dar taghha u prova jdahhal cavetta fis-serratura tal-istess bieb. Rapport iehor sar fil-lejl tal-24 ta' Settembru fejn Maria Dolores Pace qalet li rceviet diversi telefonati ta' theddid minghand John Pace fejn huwa kien qieghed juza zewg numri biex icempel minnhom. Hija kompliet tghid li kienet it-tifla taghha li rrispondiet it-telefon fejn l-imputat qalilha li ried ikellem lil Maria Dolores Pace. Gew prezentati zewg rapport dok MF 1 u MF 2.

Fl-istess seduta xehed PS 1480 Sandro Mallia fejn qal li fl-24 ta' Settembru 2014 il-Pulizija rceviet telefonata minghand Maria Dolores Pace fejn l-imputat John Pace kien qieghed icempel fuq it-telefon taghha. Skond hi l-imputat beda' jidghi u joffendiha u huwa beda' juza numru ta' mobile ta' habib tieghu. L-imputat minn fuq it-telefon kien ammetta li cempel ghax xtaq ikellem lil bintu u li f'hin minnhom ried ikellem lill-kwerelanta. Huwa gie mehud lejn l-ghassa ta' Rahal il-Gdid fejn inzamm arrestat u wara gie mitkellem mill-ispettur Zammit. Irrizulta li fil-fatt in-numru tal-mobile li kien qieghed jaghmel uzu minnu l-imputat kien ta' Mark Portanier. Gie esebiet rapport bhala doc SM 1.

Xehed ukoll PS 15 Cyril Butters fejn qal li fl-24 t'Awwissu 2014 Maria Dolores Pace ghamlet rapport li l-imputat kien qieghed icempillha d-dar. Hija qalet li huwa ma setax icempillha d-dar. Meta baghtu ghall-imputat huwa qal li ma kienx minnu li hedded lil martu u kien ghadu b'xokk minhabba li kienu qaltlu lill-ibnu. Gie esebiet rapport dok CB 1.

Fl-istess seduta xehed PS 185 Roger Mifsud fejn qal li kienu saru zewg rapport fit-22 t'Awwissu u fis-6 ta' Settembru 2014. Kien inqala'

argument bejn il-mara tal-imputat u l-imputat fil-post fejn kien inqatel it-tifel taghhom. L-imputat kien kisser tazza u mar ghaliha bit-tazza u qalilha li ghada kien ser jasal. Gie esebiet rapport (dok RM 1). Ix-xhud kompla jghid li rapport iehor kien sar fis-6 ta' Settembru fejn Maria Dolores Pace qalet li l-imputat kien cemplilha u qalilha li kien gej jifqa' l-bieb tad-dar li ghandhom fil-Fgura. Ghalkemm kienet uriet lill-Pulizija dokument sabiex turi li huwa ma setax jidhol id-dar, huma kienu kellmu lill-imputat biex izomm il-kwiet.

Fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2015 xehdet il-mara tal-imputat Maria Dolores Pace fejn qalet li kienet ghamlet diversi rapport kontra l-imputat. Fil-21 t'Awwissu 2014 kienu qatlu lit-tifel taghha waqt li kien fil-gallarija tad-dar taghha u hija kienet cemplet lill-imputat sabiex tinfurmah. Skond ix-xhud l–imputat imbaghad mar id-dar taghha u beda' jidghi u jghid li ried imur ifittex lil min qatel lit-tifel tieghu. Meta il-Pulizija ssigillaw il-post huwa ried jidhol izda ma thalliex jaghmel hekk mill-Pulizija u nizel isfel u beda' jaghti bil-ponn mal-karozza taghha. Dejjem skond ix-xhud kien hemm hin fejn xi hadd ta tazza bil-whisky lill-imputat u huwa tefa' din it-tazza fit-tarag tal-flat u beda jigri wara martu bit-tazza mkissra f'idu. Il-kwerelanti qalet li l-Pulizija kienu wasslu lill-imputat id-dar tieghu izda qalet li d-diskors kontriha da parti tieghu kien beda' madwar jumejn qabel. Hija qalet li wara li miet it-tifel taghha l-affarijiet komplew jihzienu u s[pjegat  li kienet ghamlet hafna rapport li l-imputat kien joqghod icempillha fejn kien jghidiliha li l-Pulizija kienu mieghu u li l-Ispettur Cini kien qallu li huwa seta jidhol fid-dar taghha. Il-kwerelanti qalet li li f'dawn it-telefonati li kienu saru wara l-mewt tat-tifel l-imputat kien jheddidha li gej joqtolha u kien ikellimha hazin. Ix-xhud ikkonfermat li meta kien icemplilha l-imputat anki hi kienet tghid diskors konsistenti f'tghajjir fil-

konfront tieghu izda spjegat li kienet tagmel hekk meta huwa kien jibda' bit-ton li joqghod jghid hu..

Fl-istess seduta xehed Dr. Steven Farrugia Sacco fejn a bazi ta' verbal datat is-7 ta' Jannar 2015 kien gie nominat halli janalliza l-kontenut tal-mobile tal-ghamla Nokia (dok RG 1) sabiex jelenka t-telefonati u l-sms mill-21 t'Awwissu 2014 sat-30 ta' Settembru 2014. Il-hin ud-data li hemm fl-elenku huwa dak li indika l-istess mobile. Huwa esebixxa rapport li jinsab a fol 123 et seq tal-process.

Fis-6 ta' Marzu 2015 xehedet Raisa Pace, it-tifla tal-imputat. Hija qalet li meta kien miet huha fil-21 t'Awwissu 2014, missierha kien mar ghandhom il-Fgura fejn deher li kien xurban. Hija tiftakar li wara li giet lura mill-isptar rat lill-ommha u lil missierha jiggieldu u missierha beda' jitlob il-whisky lin-nies u meta xi hadd tah tazza bil-whisky huwa qabad u waddab din it-tazza fit-tarag ta' hdejn il-flat u kissirha u wara beda' jigri wara ommha bit-tazza f'idu sabiex idahhal l-istess tazza f'ghonq ommha. Sussegwentement il-Pulizija ikkalmaw lill-imputat u wasluh id-dar. Ix-xhud spjegat li meta ommha u hi marru joqghodu l-Fgura sabu li missierha kien halla kont tad-dawl sostanzjali pendenti u huma kellhom ihallsuh u missierha kien mar jghix Wied il-Ghajn. Dejjem skond din ix-xhud jumejn wara l-imputat beda' jcempel fuq il-mobile t'ommha u beda' jheddidha u wara li ommha tfiet il-mobile l-imputat beda' jcempel fuq il-mobile taghha u ghalkemm qaltlu li ommha ma riditx tkellmu, huwa beda' joffendiha u qalilha li kien sejjer id-dar ghal ommha. Raisa Pace qalet li wara l-mewt ta' huha l-imputat beda' jcempel kuljum. Hija qalet li darba minnhom kien mar hdejn id-dar taghhom il-Fgura u qaghad wara l-bieb. Kien hemm okkazzjonijiet fejn huwa kien icempel bil-mobile ta haddiehor sabiex huma ma jgahrfux in-numru u jirrispondu. L-istess xhud kompliet

tghid li kien hemm okkazzjoni fejn l-imputat kien mar ihabbat id-dar taghhom u meta huma bdew jistaqsu min kien huwa ma wegibx u kif fethu l-purtella sabuh hemm u cemplu lill-Pulizija.

In kontro-ezami ix-xhud qalet li fil-gurnata tal-funeral ta' huha hija kienet kelmet lil missierha fejn talbitu sabiex ma jaqlax problemi u waqt il-funeral ma kienx hemm problemi u ommha kienet anki marret fil-karozza mal-imputat. Wara l-funeral l-affarijiet kienu kollox sew izda matul il-lejl bdew it-telefonati da parti tal-imputat fejn l-ewwel bdew isiru fuq il-mobile t'ommha izda meta din tfiet il-mobile ix-xhud indikat li dawn it-telefonati bdew isiru fuq it-telefon taghha fejn l-imputat beda' jghajjat li ried ikellem lill-ommha u beda' joffendiha u jsemmi lil missier ommha. Meta x-xhud giet mistoqsija dwar kif hadha missierha il-mewt ta' huha din qalet li ma tantx hadha daqshekk bi kbira ghaliex aktar kien mohhu fil-flus li kien jaghtih huha. Raisa Pace qalet li jumejn wara li kienu saru dawn it-telefonati ommha u hi kienu marru fir-residenza tal-imputat Wied il-Ghajn u minn hemm regghu bdew it-telefonati.

Illi fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2015 xehed Mark Portanier li qal li huwa kien habib tal-imputat. Huwa kkonferma li fil-fatt kien jaghti il-mobile tieghu lill-imputat sabiex dan joqghod icempel lit-tifla tieghu sabiex din tqabbdu mal-mara halli jkellimha. Huwa kompla jghid li kien ikun prezenti waqt id-diskors li kien jinghad mill-imputat lil martu. Huwa ftakar li kien jisma' lill-imputat jghid lil martu li kien ser jisparixxiha. Mark Portanier rega' xehed fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2015 fejn qal li huwa kien ilu ghal hafna zmien habib tal-imputat u li dan kien ikellmu fuq il-mara tieghu izda cahad li qatt qal lill-imputat sabiex joqtol lil martu. Ix-xhud qal li kien imur jara lill-imputat kuljum il-Habs izda kien hemm okkazzjoni fejn l-imputat ma riedx jarah u minn hemm ma baqghux hbieb.

L-imputat John Pace ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-14 ta' Mejju 2015 fejn qal li l-problemi ma' martu kienu ilhom ghaddejin u kien hemm okkazzjoni fejn din telqet mid-dar u marret tghix f'home. Skond hu l-problemi bdew minhabba uzura. L-imputat qal li meta ibnu hareg mill-Habs fuq pledge, huwa kien tah l-uzu tad-dar tieghu u ibnu mbaghad qallu li kien ser idahhal lill-ommu tghix mieghu ukoll. Dejjem skond l-imputat wara li martu bdiet tghix f'daru hija bdiet tmur taghmel ir-rapporti lill-Pulizija dwar theddid da parti tieghu. L-imputat cahad li huwa ghamel it-telefonati msemmija minn martu u kkonferma li kien ghadda proceduri ohrajn apparti dawk odjerni fejn gie liberat. L-imputat cahad ukoll li qatt qal xi diskors li kien sejjer jisparixxi lil martu ma' Mark Portanier jew li kien gera wara martu b'tazza imkissra f'idejh.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti ghal kollox kunfliggenti fejn min-naha l-wahda il-kwerelanti tallega li zewgha kien b'mod konsistenti qed jaghmlilha diversi telefonati kemm fuq il-mobile phone taghha kif ukoll fuq dak ta' bintha fejn kien joffendiha u jheddiha u min-naha l-ohra l-imputat li jichad dan kollu u jsostni li martu kienet qed tintavola dawn ir-rapporti sabiex tkompli tghix f'daru ad eskuzjoni tieghu. Din il-Qorti tinsab moralment konvinta li ghandha temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-kwerelanti mhux biss ghaliex tali verzjoni giet korroborata minn dak li xehedu bintha u Mark Portanier imma anki ghaliex il-komportament taghha fuq il-pedana indika li kienet qed tghid il-verita'.

Stabbilit dan il-punt din il-Qorti sejra issa tghaddi sabiex tara kif u jekk il-fatti kif rakkuntati mill-kwerelanti jinkwadraw ruhhom fir-reati indikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tieghu tal-30 t' April, 2015**.**

L-akkuza taht l-Artikolu 251A(1)(2)(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat huwa qed jigi addebitat bir-reat ta' fastidju predispost fl-Artikolu 251A tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li ghal diversi xhur u fi granet differenti skond ir-rapporti li saru minn Maria Dolores Pace, l-imputat John Pace kien icempel diversi drabi fuq il-mobile taghha u tat-tifla kif ukoll fuq taghha. Kull darba li kien isir kuntatt bejntiehom kienu jispiccaw jiggieldu u huwa kie jheddiha llis er jisparixxiha u dan ikkonfermatu t-tifla taghha Raiza Pace meta hija xehedet f'dawn il-proceduri. Illi Mark Portanier ikkonferma li huwa kien jaghti l-mobile tieghu lill-imputat sabiex dan icempel ll martu u kien li kien jisimghu jghidilha kliem li kien ser jispariixha jew altrimenti icempel fuq il-mobile ta' bintu u jinsisti li irid ikellem lil martu.  Illi fil-fehma tal-Qorti dan l-agir  da parti tal-imputat zgur li jista' jitqies bhala fastidju skond dak li jiddisponi l-Artikolu tal-ligi in dizamina ghaliex sahansitra meta l-kwerelanti kienet titfi l-mobile taghha jew taqla' l-land line sabiex l-imputat ma jkompliex idejjaqha huwa kien jippersisti billi jcempel fuq il-mobile phone ta' bntha u jinsisti ma din tal-ahhar li jrid ikellimha. Illi r-reazzjoni ta' Maria Dolores Pace ghal dawn it-telefonati kienet cara u inekwivoka, u tali li ma thalli l-ebda dubbju li dawn it-telefonati kienu ta' fastidju ghaliha.

Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li din l-ewwel imputazzjoni giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi. Skond l-Artikolu 251A(4) il-piena tizdied bi grad

meta r-reat isir kontra persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dan il-fastidju kien immirat lejn il-mara tal-imputat u ghalhekk il-piena ghanda tizdied bi grad.

L-akkuza taht l-artikolu 251B (1) (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

L-artikolu 251B jikkontempla r-reat ta' min bl-imgieba tieghu jikkaguna lil haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza'.

Dak li hemm enuncjat fl-Artikolu 251B u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrih f' xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f'dik l-okkazzjoni. It-test li ghandu jintuza huwa wiehed oggettiv tar-reasonable man. Hemm ukoll f'dan l-artikolu l-iskuzanti kontemplati fl-artikolu 251(3)(a) u (b) u dik li l-imgieba addottata mill-persuna akkuzata kienet wahda ragjonevoli ghal-harsien taghha jew ta' haddiehor jew ghall-harsien tal-proprjeta' taghha jew ta' haddiehor. Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna (alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika u dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt.

Jidher li l-agir tal-appellant jinkwadra ruhu taht dawn it-tipi ta' fastidju. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni ta' biza u jpoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi. (ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. A. Caruana Carabez" [21.6.2007]; "Il-Pulizija vs. Fabio Psaila" [12.2.2009] u ohrajn). Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: 'IlPulizija vs. Massimo Tivisini" [26.22009], it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:-

> "Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",

Dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz wiehed izda jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07]:-

> "…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."

Mejqus b'dan il-mod altru li jirrizulta l-element ta' ripetizzjoni u tal-persistenza f' dan il-kaz, kemm fid-diversi incidenti li sehhew u telefonati kull hin u mument minn dakinnhar li miet binhom, ir-rapporti saru xi haga regolari. Fil-fehma ta' din il-Qorti, bl-ebda mod ma jeskludi l-kontinwita' tal-incidenti li graw wiehed wara l-iehor b'intervalli qosra fejn l-imputat kien jhedded lil martu lli kien ser jisparixxiha. Dan l-agir zgur huwa tali li

jikkaguna biza' li ser tintuza vjolenza u l-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tat-tieni mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

L-akkuza taht l-artikolu 251BA (1)(a)(b),(2),(3),(5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jinkwadraw ruhhom ukoll fir-reat kontemplat fl-Artikolu 251BA(1)(a)(b). Illi fl-isfond tal-kaz in kwistjoni ma jirrizultax li l-imputat kien isegwi fizikament lil Maria Dolores Pace izda huwa kien icemplilha kontinwament fi granet u hinijiet differenti u b'tali mod persiteni li dan jista' jitqies bhala stalking. Illi hija addirittura gieli sabitu jsitenna wara l-bieb tad-rtaghha u dan meta huwa ma kien ikollu ebda raguni il-ghala jkun hemm. Illi l-hajja tal-kwerelanti minhabba dan l-agir kontinwu u persistenti tal-imputat kienet tali li hija kienet tibza' tirrispondi t-telefon u ma setghatx tghix hajja normali fir-residenza taghha u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-imputat qieghed jigi misjub hati taht l-Artikolu 251BA tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-akkuza taht l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali.

Ghalkemm mill-provi rrizulta li saru diversi telefonati mill-imputat lill-Maria Dolores Pace fejn huwa kien jheddidha li kien ser imur joqtolha. Mark Portanier ikkonferma li kein sema' lill-imputat jghid lil martu li ser jisparixxiha. Illi ghalhekk ma hemmx dubju li din l-imputazzjoni tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

L-akkuza taht l-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi mill-provi ma rrizultax li kien hemm cirkostanzi fejn i l-imputat ma obdiex xi ordni tal-Pulizija jew li huwa fixkilhom fix-xoghol taghhom.

Ghalkemm irrizulta li l-Pulizija kienu kelmu lill-imputat fejn qalulu sabiex ihalli lil martu bi kwieta wara li din kienet taghmel rapport fil-konfronti tieghu dan ma jistghax jitiqies li jammonta ghal ordni specifika lilu moghtija u li huwa ma obdiex.

L-addebitu tar-recidiva taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mis-sentenzi esebiti mill-ispettur Hubert Cini li jinsabu a fol 294 et seq tal-process jirrizulta li dawn inghataw fil-konfronti ta' John Pace izda f'dawn is-sentenzi ma hemmx indikati l-konnotati tal-persuna li fil-konfronti taggha nghataw u ghalhekk ma jistghax jitqies li gie pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li dawn is-sentenzi inghataw fil-konfronti tal-istess John Pace li huwa l-imputat fil-kawza odjerna. Illi ghalkemm f'Dok. CP 4 hemm indikata l-karta tal-identita' tal-imputat odjern dan id-okument a jindikax x'piena inghatat f'dawk il-proceduri. L-imputat ghalhekk mhux ser jinstab hati tal-addebitu tar-recidiva.

L-akkuzi taht l-artikoli 49(a)(c) u 48 (1)(d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi huwa evidenti li l-fatti ta' dan il-kaz zgur ma jistghux jtiqiesu bhala li jinkwadraw ruhhom fir-reat kontemplat fl-Artikolu 48(1)(d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex ghalkemm mill-provi rrizulta li l-imputat cempel diversi drabi lil martu dan ma jfissirx li huwa uza l-mobile device tieghu ghal skop differenti minn dak li ghalih gie lilu provdut mis-service provider.

Min-naha l-ohra ma hemmx dubju li l-fatti ta' dan il-kaz jinkwadraw ruhhom fir-reat kontemplat fl-artikolu 49(a)(c) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghahekk ghandu jitqies li jikkonkorru l-estremi ta' dan ir-reat. Illi skond Maria Dolores Pace l-imputat kien permezz tat-telefonati li kien

jaghmlilha qalilha li kien ser joqtolha u din zgur tammonta ghal theddidha li ser isir reat. Din il-Qorti ghalhekk qed issib lill-imputat hati taht l-Artikolu 49(a) izda mhux taht l-artikolu 49(c) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalll-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita' tar-reati li taghhom l-imputat instab hati kif ukoll il-kontinwita' u l-persistenza li biha huwa kompla fl-agir tieghu fil-konfronti ta' martu u jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-30 t' April, 2015 u senjatament l-Artikoli 17, 18, 31, 251A(1)(2)(4), 251B(1)(2), 251BA(1)(a)(b)(2)(3)(5) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 49(a) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah hmistax (15) –il xahar prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tas-sitt (6) u tas-seba' (7) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tal-addebitu tar-recidiva u konsegwentement tilliberah minnhom.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub mir-Registratur tal-Qorti jhallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' tliet mija disgha u disghin ewro u disghin centezmu (€399.90) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) millun fejn il-persuna

protetta hija Maria Dolores Pace u dan skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

**MAGISTRAT**